# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 112/2016

Il-Pulizija

vs

John Debono

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, John Debono, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 774352M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Mejju 2015 f'dawn il-Gzejjer 1) naqas li jaghti lil Carmela Xerri is-somma ta' €163 fil-gimgha iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z); u 2) sar recediv b'sentenza/I, liema sentenza saret definita u ma tistghax tinbidel;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Frar, 2016 li permezz taghha sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni, lliberatu mit-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghal xahar prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma in kwantu l-liberazzjoni mit-tieni imputazzjoni u s-sejbien ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni, izda tirrevoka il-piena inflitta ghal wahda iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta mis-sentenza appellata kwantu ll-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tieghu kellha tkun wahda aktar miti stante li r-raguni ghaliex ma hallasx il-manteniment huwa dovut ghal-ragunijet ta' sahha li jimpeduh milli jahdem u huwa dipendenti fuq l-assistenza socjali;
2. Illi fis-seduta tal-lum, l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;
3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik

il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu fuq it-tieni imputazzjoni, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' xahar prigunerija u minflok tikkudnannah ghal-twiddiba.